MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 233/2009

**Charles Galea**

**Vs**

**Health Managers (Malta) Limited u Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Charles Galea fit-23 ta' Gunju 2009 permezz ta' liema jitlob li din il-Qorti: (i) tiddikjara li l-vettura tal-marka Toyota Tonnace bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 hija proprjetà pjena tieghu, flimkien mal-licenzji u permessi kollha relattivi; (ii) tiddikjara li l-prezz ghax-xiri ta' l-imsemmija vettura thallas kollu minnu; (iii) tordna sabiex f'data, hin u lok stipulat, is-socjetà Health Managers (Malta) Limited tersaq ghall-iffirmar tal-log book tal-vettura in kwistjoni u dana ghall-fini tat-trasferiment ta' l-imsemmija vettura minn fuq isimha ghal fuq ismu, u tappunta Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjetà Health Managers (Malta) Limited

f’kaz li din tibqa’ kontumaci; u (iv) tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f’Malta taghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fil-log book tal-vettura in kwistjoni u fi kwalunkwe dokument jew att iehor, sabiex jidher li l-vettura hija proprjetà tieghu, bl-ispejjez kontra s-socjetà Health Managers (Malta) Limited u l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta;

Rat li s-socjetà Health Managers (Malta) Limited giet notifikata kemm bir-Rikors promotur kif originarjament pprezentat kif ukoll bl-istess Rikors kif korrett in segwitu ghall-awtorizzazzjoni moghtija b’Digriet datat 17 ta’ Jannar 2012 sabiex tizdied it-tielet talba attrici u rat li f’entrambe dawn iz-zewg istanzi baqghet ma resqet ebda Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas ma dehret ghas-seduti li gew iffissati mill-Qorti;

Rat ir-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema teccepixxi illi (i) ma ghandha tbaghti ebda spejjez in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri stante li il-meritu tal-kawza jittratta dwar kwistjoni bejn iz-zewg kontendenti l-ohra, ossia l-attur u s-socjetà Health Managers (Malta) Limited, u mhux maghha li, issejjhet f’dawn il-proceduri bhala parti mharrka semplicement biex tesegwixxi xi ordni ta’ din il-Qorti in kwantu rigwarda dokumenti ta’ vettura; (ii) in kwantu ghall-materja proprja tal-kawza, irriservat id-dritt li tressaq Risposta ulterjuri una volta li tistabilixxi ezattament x’inhi l-kwistjoni ta’ din il-kawza u kif hi giet involuta fiha; (iii) fi kwalunkwe kaz m’ghandhiex tigi attribwita lilha r-responsabbiltà ghall-hlas ta’ xi spejjez tal-proceduri odjerni, inkluzi l-ispejjez konnessi mal-prezentata tar-Risposta taghha; u li ghalhekk (iv) ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat l-affidavit ta’ l-attur esebit permezz ta’ Nota pprezentata fit-18 ta’ Frar 2010, a fol. 35 u 36 tal-process, u rat id-dokumenti annessi ma’ l-istess affidavit markati Dok. “JG1” u Dok. “JG2” a fol. 37 u 38 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Brian Farrugia, in rapprezentanza ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta, moghtija waqt is-

seduta tat-18 ta' Frar 2010[1], rat l-affidavit ta' James Grima, direttur tas-socjetà Ventur Co. Ltd., esebit mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-28 ta' Gunju 2010, a fol. 42 u 43 tal-process, u rat id-dokument anness ma' l-istess affidavit markat Dok. "JG1" a fol. 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Lawrence Degiorgio moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Novembru 2010[2] u ta' l-4 ta' Lulju 2011[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2011 markati Dok. "LD1" u Dok. "LD2" a fol. 50 u 51 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri ta' l-attur u ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Rat id-diversi Digrieti moghtija tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-vettura ta' l-ghamla Toyota Tonnace bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 hija di proprjetà tieghu, u dana inkluzi wkoll il-licenzji u permessi kollha relattivi, u li l-prezz ghax-xiri ta' l-imsemmija vettura thallas kollu minnu, u konsegwentement tordna lis-socjetà Health Managers (Malta) Limited sabiex f'data, hin u lok stabbiliti mill-Qorti tersaq ghall-iffirmar tal-log book tal-vettura in kwistjoni sabiex l-imsemmija vettura tigi trasferita minn fuq isimha ghal fuq ismu. Jitlob ukoll in-nomina ta' Kuratur Deputat sabiex jidher ghas-socjetà konvenuta ghall-fini tat-trasferiment tal-vettura f'kaz illi l-istess socjetà tibqa' kontumaci. L-attur in fine jitlob li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tigi ordnata taghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fil-log book tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni u fi kwalunkwe dokument iehor relattiv sabiex jigi jidher li l-vettura hija proprjetà tieghu.

Is-socjetà konvenuta baqghet kontumaci stante li ghalkemm notifikata bir-Rikors promotur kif originarjament

[1] Fol. 39 u 40 tal-process.
[2] Fol. 46 tal-process.
[3] Fol. 52 u 53 tal-process.

ipprezentat mill-attur kif ukoll bl-istess Rikors kif in segwitu korrett biz-zieda tat-tielet talba attrici awtorizzata b'Digriet datat 17 ta' Jannar 2012, baqghet ma pprezentat ebda Risposta ghat-talbiet attrici u ma dehritx ghas-seduti ffissati mill-Qorti. Min-naha l-ohra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ressqet Risposta ghat-talbiet attrici u essenzjalment tikkontendi li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ma ghandhiex tigi kkundannata jew misjuba responsabbli ghall-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghar-Risposta pprezentata minnha, stante li l-azzjoni odjerna tittratta dwar kwistjoni bejn l-attur u s-socjetà konvenuta u hija, bhala Awtorità, ma hija involuta bl-ebda mod u giet imharrka f'dawn il-proceduri semplicement biex tesegwixxi l-ordinijiet ta' din il-Qorti in kwantu rigwarda d-dokumenti tal-vettura.

Ghalkemm l-Awtorità konvenuta ma hijiex qed tikkontesta l-meritu *per se* ta' l-azzjoni attrici u s-socjetà konvenuta baqghet kontumacja, l-attur huwa fi kwalunkwe kaz obbligat li jipprova l-premessi fuq liema jibbaza t-talbiet tieghu u dana fid-dawl tal-principji li l-premessi attrici ghandhom jigu provati anki fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali u li l-kontumacja ma tammontax ghal ammissjoni.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono et noe v. Avukat Dr. Paolo Mercieca et noe, Appell Civili Nru. 73/58** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004, fejn inghad *din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm l-ewwel Qorti setghet liberament tillimita ruhha ghal dak li gie formalment eccepit mill-parti konvenuta u tiehu l-premessi attrici bhala konfermati in mankanza ta' oppozizzjoni specifika dwarhom mill-parti avversa, fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremettiet l-attrici gie ppruvat u huwa legalment korrett. Ezercizzju tali jinkwadra ruhu fil-parametri ta' dak li jista' jaghmel gudikant qabel jasal ghall-gudizzju tieghu u ma jammontax ghal holqien ta' eccezzjonijiet godda… Bil-fatt li l-parti konvenuta ghazlet li tikkontesta t-titolu jew dritt vantat mill-attrici bl-asserzjoni li hija ghandha titolu pozjuri*

*u superjuri hija inkorriet ir-riskju reali li l-ewwel Qorti setghet assumiet li ma kien hemm xejn aktar x'jigi ppruvat mill-attrici u marret kwindi mill-ewwel biex tikkunsidra l-eccezzjoni li giet sollevata mill-parti konvenuta. L-ewwel Qorti dehrilha li xorta wahda ghandha tisma' u tiddeciedi fuq il-premessi ta' l-attrici u finalment spiccat biex cahdithom u waqfet hemm. Ghandu hawn jinghad li anke f'kawzi fejn konvenut baqa' kontumaci hemm diversi precedenti fejn il-Qorti xorta wahda esigiet li l-attur jaghmel il-provi tieghu ghall-konvinciment taghha,* u fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella v. Pierre Cremona, Appell Civili Nru. 138/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, fejn inghad illi *l-kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk over" kif jippretendi l-appellanti. Kif qalet l-Ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem. … Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet gustifikata li tigbed u tasal ghall-konkluzjoni li l-attur appellant ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn tat-talbiet tieghu. Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilità u li jressaq l-ahjar prova. … Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in ezercizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' facilment jipprezenta provi ahjar però huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghalhekk dehrilha li ma kienx gust li tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex b'hekk hija "tkun qeghda thalli lill-attur jiehu vantagg mhux xieraq mill-kontumacja tal-konvenut jekk toqghod fuq il-kelma ta' l-attur biss". F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti b'dik taghha billi tiddisturbaha bl-iskop li tirrevokaha jew tibdilha. Ma hemm ebda gustifikazzjoni biex dan isir*.

Qabel ma tidhol fil-meritu ta' l-azzjoni attrici l-Qorti ser tittratta dwar diskrepanza fid-deskrizzjoni ta' l-ghamla tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni li tirrizulta bejn ir-Rikors promotur u l-provi prodotti mill-attur. Fir-Rikors promotur l-attur jippremetti li l-vettura meritu tal-kontestazzjoni hija Toyota Tonnace bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 filwaqt illi mill-provi prodotti minnu, u senjatament mix-xhieda moghtija minn Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtoritá ghat-Trasport f' Malta, waqt is-seduta tat-18 ta'

Frar 2010[4] jirrizulta li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 registrata f'isem is-socjetá Health Managers (Malta) Limited hija ta' l-ghamla Toyota TownAce u mhux Toyota Tonnace. Nonostante din id-diskrepanza jirrizulta evidenti li l-vettura li jirreferi ghaliha l-attur fir-Rikors promotur u l-vettura li jaghmel referenza ghaliha Brian Farrugia huma l-istess vettura u li ghalhekk il-vettura meritu tal-kontestazzjoni u li dwarha tirreferi din is-sentenza hija l-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 registrata f'isem is-socjetá Health Managers (Malta) Limited.

Il-pretensjoni ta' l-attur fil-konfront tas-socjetà Health Managers (Malta) Limited tirrizulta mill-affidavit tieghu esebit permezz ta' Nota pprezentata fit-18 ta' Frar 2010[5], fejn ighid illi *jiena akkwistajt Van tal-marka Toyota TownAce numru ta' registrazzjoni BBQ 715 u dana xrtrajtu jiena 'cash' minghand l-ahwa Grima gewwa il-Mosta fit-tnejn (2) ta' Marzu 2006 li joperaw taht l-isem Ventur Company Ltd u dana ghall-ammont ta' Lm4,800 hekk kif muri mid-dokument hawn anness u immarkat Dok. JG1. Nghid illi fuq suggeriment tat-tifla tieghi Tanya li dak iz-zmien kellha x'taqsam mas-socjetà Health Managers (Malta) Ltd u ta' certu Kenneth Donaldson, li kien u nahseb ghadu direttur ta' dina s-socjetà, l-ircevuti ghax-xiri ta' dina l-karozza hargu fuq isem is-socjetà Health Managers (Malta) Ltd u fuq l-istess suggeriment dina il-karozza in kwistjoni giet registrata ukoll fuq isem is-socjetà Health Managers (Malta) Limited ma' l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u dawn qaluli li fil-fatt lili kien qabilli li naghmel hekk u jien fil-fatt hekk ghamilt u dana bl-intendiment li jerga' jsir it-trasferiment fuq ismi. Wara xi ftit jiena tlabt lil Kenneth Donaldson bhala Direttur ta' dina l-kumpannija biex jeffettwa t-transfer relattiv fuq ismi però dana qatt ma sar minn naha tieghu u peress illi tlabtu jaghmel dan diversi drabi u bqajt minghajr ebda risposta ghalhekk kelli naghmel din il-kawza. Nghid illi l-karozza dejjem kienet fil-pussess tieghi u dejjem jien ghamilt il-hlasijiet ta' registrazzjoni, insurance jew VRT jew*

[4] Fol. 39 u 40 tal-process.
[5] Fol. 35 u 36 tal-process.

*kwalunkwe hlas iehor li ghandu x'jaqsam mal-karozza in kwistjoni*.

L-attur ma illimitax ruhu li jesebixxi l-affidavit tieghu biss u jibbaza t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjetà konvenuta u anke ta' l-Awtorità konvenuta fuq id-dikjarazzjonijiet minnu maghmula izda, ressaq bhala xhieda lil James Grima, direttur tas-socjetà Ventur Co. Ltd., li permezz ta' affidavit iddikjara li *din is-socjetà kienet proprjetarja tal-vettura tat-tip Toyota Townace numru BBQ-715 u fit-2 ta' Marzu 2006 il-kumpanija bieghet dan il-vann lil Charles Galea I.D. 632150(M) u dan bil-prezz ta' Lm4800 u kien hallasni cash dakinhar. Il-kumpanija qatt ma kellha x'taqsam ma' haddiehor fuq il-bejgh ta' din il-vettura hlief ma' l-imsemmi Charles Galea. L-imsemmi Charles Galea kemm-il darba xtara vetturi minghand il-kumpanija. Niddikjara wkoll illi l-ircevuta markata dokument JG1 hargithom il-kumpanija Ventur Co. Ltd. u l-ircevuta harget fuq Tania Galea ghan-nom ta' Health Managers (Malta) Ltd. ghax qalilha biex isir hekk is-Sur Galea,* u lil Lawrence Degiorgio, clerk ma' Paul Galea li huwa agent ta' Montalto Insurance, li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2011[6] pprezenta l-*proposal form* relattiva ghall-polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni BBQ-715, Dok. "LD1"[7], u r-ricevuti li hareg matul is-snin relattivi ghall-hlas tal-premia ghall-imsemmija assikurazzjoni, ilkoll flimkien markati Dok. "LD2"[8], u xehed illi l-proposal form *kont imlejta jien ghan-nom ta' Tania Galea ghas-socjetà Health Managers Malta Limited. Din giet iffirmata mill-istess Tania Galea. Il-proposal form kienet intliet ghall-vettura tal-marka Toyota Townace. … Il-hlas tal-premia fuq l-assigurazzjoni li sussegwentement inharget fuq din il-vettura dejjem thallsu mill-attur Charles Galea. Niccara li anki l-ewwel hlas fuq il-polza t'assigurazzjoni sar minn Charles Galea.*

Mix-xhieda ta' James Grima u ta' Lawrence Degiorgio jirrizulta b'mod car li l-hlasijiet relattivi ghall-vettura in kwistjoni, sia l-prezz ta' l-akkwist ammontanti ghal

---

6 Fol. 52 tal-process.
7 Fol. 51 tal-process.
8 Fol. 50 tal-process.

Lm4,800, kif ukoll il-premia relattivi ghall-hrug u konsegwenti tigdid ta' l-assikurazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 ghas-snin 2007 sa' 2011, saru mill-attur, li ma ghandu ebda konnessjoni mas-socjetà konvenuta, u mhux mill-istess socjetà konvenuta. Dawn il-fatti, flimkien mal-fatt li l-istess ma gew kontradetti bl-ebda mod specjalment mis-socjetà konvenuta[9], jaghtu d-debita kredibilità lill-affermazzjoni ta' l-attur li s-socjetà konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li takkwista l-vettura in kwistjoni ghaliha, ghad illi tinsab registrata u assikurata f'isimha, izda giet registrata, licenzjata w assikurata f'isimha bi ftehim ma' l-attur u bl-intendiment car bejniethom li din l-istess vettura kellha in segwitu tigi trasferita f'isem l-attur meta jitlob li jsir hekk.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kuntest ta' l-akkwist tal-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoi BBQ-715 minghand is-socjetà Ventur Co. Ltd. u konsegwenti registrazzjoni tal-vettura ma' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, is-socjetà konvenuta aggixxiet ta' mandatarju prestanome ghall-attur, liema funzjoni giet deskritta bil-mod segwenti fis-sentenza fl-ismijiet **Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Mejju 1957: *il-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realtà mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalità ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjetà tal-haga immobili, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjetà tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mill-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant*.

---

[9] Maltacom p.l.c. v. Alfred Briffa, Citaz. Nru. 2131/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Marzu 2001.

Minn dejjem jinsab rikonoxxut fis-sistema guridika nostrali li l-mandant ghandu azzjoni personali *mandata directa* kontra l-mandatarju, anke fil-konfront tal-mandatarju prestanome, ghat-trasferiment lilu tal-haga akkwistata mill-mandatarju ghan-nom tieghu. Dan il-jedd ta’ azzjoni jinsab rikonoxxut f’diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Attard v. Filippa Abela, Citaz. Nru. 2463/00** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2009, fejn appuntu gew citati diversi sentenzi ohra. Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm din is-sentenza giet riformata mill-Qorti ta’ l-Appell bid-decizjoni moghtija fid-29 ta’ Mejju 2009, il-principji enuncjati dwar l-istitut tal-mandat prestanome mill-Qorti ta’ Prim’ Istanza gew ikkonfermati mill-Qorti ta’ l-Appell.

Fis-sentenza Taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *fis-sentenza supra citata ta’ “Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia” jirrizulta car li l-Qorti ghandha tinvestiga dwar x’kienet l-intenzjoni tal-mandatarju li jakkwista f’ismu proprju meta xtara u nfatti l-Qorti qalet hekk:- “Gie deciz, infatti, illi ‘il mero fatto di avere il mandatario stipulato l’acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anzichè in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando è provata l’esistenza del mandato e non è messo in dubbio che il mandatario, nel fare l’acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato” (C. Roma 4 Marzo 1882, Conti C. Felici, riportata fil-Fadda Vol. IX. Pag 738, no.69). Izda, apparti dana l-fatt, l-opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi ohra. Dawn ipartu mill-principju illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in buona fede, u jsostnu li, ghalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-sahha tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandant l-azzjoni personali ‘mandati directi’ kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa’ fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorità tal-Pothier (Mandato, Lib. II, sez. III, para. 2, no.59). “Se io ho incaricato taluna di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si è incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si*

*è fatto consignare la cosa, deve restituirmela, ancorchè ne avesse fatto l'acquisto in suo nome'. L-istess haga jghid Laurent, Principi di Diritto Civili, Tomo XXVIII, para. 61:- "… il mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rimane obbligato verso il mandante, ammenocchè non abbia rinunziato il mandato. Sinchè il mandato sussiste, il mandatario è tenuto ad esiguirlo; dunque quando tratta con, quantunque in nome proprio, si presume che, rispetto al mandante, egli abbia trattato nell'interessa di questo, e che abbia fatto la cosa di cui era incaricato" u l-Baudry Lacantinerie, Del Mandato, para. 608:- "Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti" (v. pure Chironi, Diritto Civili, Studi, Vol. III, pag. 149). … Fis-sentenza supra citata ta' "Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et" gie deciz li meta l-mandatarju ta' l-attur xtara l-fond fl-isem tieghu proprju u b'mandat, l-attur – cioè il mandant – ma akkwistax ebda dritt reali fuq dak il-fond b'mod li jista' jirrevindikah, imma ghandu l-azzjoni personali "mandati directa" kontra l-mandatarju u s-successuri tieghu u aventi kawza minnu, biex jigi lilu trasferit dak l-immobbli u sakemm l-immobbli jkun ghadu fil-pusess tal-mandatarju, ma jkunx gie trasferit lil terza persuna, ma jistax il-mandatarju jirrifjuta dak it-trasferiment billi jippretendi li minflok kellu jigi azzjonat mill-mandanti ghad-danni u interessi. Illi fuq l-istess linja kienet id-decizjoni f' "Carmelo Farrugia vs. Giuseppe Farrugia" (supra citata) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:- "Illi l-kwistjoni sollevata mill-appellant, fis-sens li l-mandatarju inadempjenti, li jezegwixxi l-mandat f'ismu u fl-interess tieghu, ma jistax jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta' l-obbligu tieghu, imma biss ghar-rizarciment tad-danni, giet diversi drabi ezaminata u rizoluta minn dawn il-Qrati … fis-sens li, meta l-mandatarju jezegwixxi l-inkarigu li jkun ircieva, u hekk jakkwista fond f'ismu, izda fl-interess tal-mandant, huwa jista' jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika, u kwindi ghat-trasferiment tal-fond lill-mandant. … Illi fis-sentenza "Profs. Anthony J. Mamo O.B.E. noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe", aktar qabel kwotata, kien hemm il-figura tal-mandatarju prestanome u kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta' l-ahhar deher f'ismu*

*proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghal ditta. Illi l-ewwel Qorti kienet qalet illi:- "jista' wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun fond fl-interess ta' haddiehor bis-sahha ta' mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema mandat ma ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta' immobbli. F'kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f'ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant. … Illi però, f'kaz bhal dan li ssemma, il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalità ta' l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f'ismu proprju, kien fir-realtà gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista' jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta' dak l-obbligu f'ismu proprju. Illi dwar it-tieni att li sar bejn il-mandant u l-mandatarju fejn gie dikjarat li ghalkemm il-mandatarju fl-ewwel kuntratt hu kien qed jidher in verità ghad-ditta, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet li dan it-tieni ghandu:- "Jigi ikkunsidrat bhala att li jirrapprezenta assenjazzjoni; u di fatti, l-att li bih wiehed jassenja hu att li bih wiehed jistabilixxi, jiddetermina u jattribwixxi. Issa, bit-tieni kuntratt il-partijiet riedu, u hekk ghamlu, jiddeterminaw u jiddimostraw illi l-proprjetà mhix ta' l-Inginier Edwin England Sant Fournier, kif juri l-ewwel kuntratt, imma invece tad-ditta konvenuta; u lil din id-ditta, ghaldaqstant, dik il-proprjetà giet moghtija bhala proprja – dak li jfisser giet lilha attribwita jew assenjata. Kif sewwa issottometta l-konvenut nomine, il-kelma 'assenjazzjoni' ma ghandhiex l-istess sinifikat bhal kelma 'dikjarazzjoni'; izda dikajrazzjoni tista' tirrakkjudi assenjazzjoni, jekk dan ikun il-kontenut taghha; u meta b'dikjarazzjoni jigi dimostrat li proprjetà mhix ta' wiehed ghaliex dan hu biss apparentement is-sid taghha, izda ta' l-iehor, il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni jimporta assenjazzjoni ta' dik il-proprjetà lis-sid veru taghha. B'hekk, di fatti, dan jakkwista t-titolu ghal dik il-proprjetà quddiem kulhadd.*

Ghalkemm il-principji appena riportati jittrattaw dwar il-funzjoni ta’ mandatarju prestanome fil-kuntest ta’ akkwist ta’ proprjetà immobbli, ma hemmx dubju li l-istess japplikaw anke fil-kuntest ta’ l-akkwist ta’ kwlaunkwe kaz ohra, inkluz ghalhekk vettura, da parte ta’ mandatarju prestanome fuq inkarigu tal-mandant. Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dan kollu appena osservat, fil-kaz in ezami l-attur ghandu dritt ta’ azzjoni fil-konfront tas-socjetà konvenuta sabiex din effettivament tittrasferixxi l-vettura ta’ l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta’ Registrazzjoni BBQ-715 minn fuq isimha ghal fuq ismu u dan in esekuzzjoni l-arrangament li kellhom bejniethom fiz-zmien meta ftehmu li l-vettura tigi registrata f'isem is-socjetà konvenuta flok f'isem l-attur, u konsegwentement l-istess vettura tigi registrata u licenzjata f'ismu bhala proprjetarju taghha da parte ta’ l-Awtorità konvenuta.

In verità d-dritt ta’ azzjoni ta’ l-attur fil-konfront tas-socjetà konvenuta ma jirrizultax biss mill-gurisprudenza nostrali izda jirrizulta mill-Ligi stess u senjatament mill-Artikolu 1871A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, introdott bl-Att XIII ta’ l-2004. In effetti kif osservat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Joann Cordina v. Charles Cordina, Citaz. Nru. 95/00** deciza fis-26 ta’ Settembru 2007, *bl-Att numru XIII ta’ l-2004 gew introdotti emendi komprensivi fil-Kodici Civili (Kap.16) dwar id-dmirijiet ta’ fiducarju (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili) u dwar il-mandat prestanome (principju li kien ilu jigi applikat fis-sistema guridika taghna). Il-Qorti tqies li bid-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att, is-sitwazzjoni giet hafna iktar iccarata u l-legislatur introduca provvedimenti dettaljati fejn mandatarju jzomm ghandu proprjetà f’isem haddiehor u anke rimedji godda. Insibu wkoll rimedji bhal per ezempju li persuna li tikser l-obbligazzjonijiet fiducarji trid trodd lura l-proprjetà u kull beneficcju li tkun hadet bi ksur ta’ l-obbligazzjonijiet. Dan jinkludi l-proprjetà li fiha tista’ tkun giet konvertita l-proprjetà originali (Art. 1124A(6) tal-Kodici Civili).*

Fil-kuntest tal-proceduri odjerni ssir referenza ghal dak provdut fl-Artikolu 1871A(1) u (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia li *kull persuna li zzomm proprjetà ghal*

*persuna ohra, izzomm il-proprjetà soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducarji lejn il-persuna li tinkarigaha ghal dak l-ghan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar obbligazzjonijiet fiducarji. Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f'isimha stess izda ghan-nom ta' mandant, il-mandant jkollu f'kull zmien il-jedd li jitlob minghand il-mandatarju t-trasferiment taghha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju ghandu ma' dik it-talba, jew, f'kull kaz mat-tmiem taz-zmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jaghti rendikont tal-mandat tieghu skond l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b'dak il-mod li jkun xieraq, soggett ghal xi kondizzjonijeit specjali tal-mandat dwar drittijeit u spejjez u jeddijeit ta' xi terzi in bona fide*.

Fid-dawl ta' dan il-provvedimenti tal-Ligi u ta' dak kollu iktar 'l fuq osservat, il-Qorti hi tal-fehma li s-socjetà konvenuta, u fil-kuntest ta' dawn il-proceduri anke l-Awtorità konvenuta ghandhom jaghmlu dak kollu necessarju ai termini tal-Ligi sabiex il-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715, prezentement registrata u assikurata f'isem is-socjetà konvenuta, tghaddi b'mod formali f'isem l-attur u tigi debitament registrata u licenzjata f'ismu bhala l-veru proprjetarju taghha.

Mill-affidavit ta' l-attur jirrizulta li l-vettura meritu tal-kontestazzjoni già tinsab fil-pussess tieghu u ghalhekk dak li hu mehtieg biex il-vettura tghaddi b'mod formali f'ismu u tigi debitament registrata u licenzjata f'ismu wkoll huwa li s-socjetà konvenuta u l-Awtorità konvenuta jottemperaw ruhhom ma' dak provdut fir-Regolament 27(2)(a) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, li jipprovdi li *kull persuna li tbiegh jew xort' ohra tittrasferixxi lil xi persuna ohra xi vettura bil-mutur, ghandha timla kif suppost u tghaddi lill-Awtorità l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi li tinsab mac-certifikat ta' registrazzjoni. L-Awtorità ghandha mbaghad tohrog licenza ghall-vettura f'isem is-sid il-gdid.*

Ghalkemm huwa minnu li l-kwistjoni odjerna tikkoncerna direttament lill-attur u lis-socjetà konvenuta u mhux ukoll lill-Awtorità konvenuta w il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-Awtorità konvenuta debitament taqdi d-doveri taghha kif rizultanti mir-Regolament 27 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 hekk kif tigi pprezentata lilha d-dokumentazzjoni mehtiega debitament iffirmata, fil-kaz in ezami l-Qorti ma thossx li tista' u li ghandha tillibera lill-Awtorità konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju kif minnha mitlub, u dana billi tista' tinsorgi l-eventwalità li l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi li tinsab mac-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 tigi iffirmata minn Kuratur Deputat li se jigi nominat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan it-trasferiment. Ghalhekk ikun opportun li l-Awtorità konvenuta tigi marbuta b'ordni specifiku tal-Qorti li, ladarba tircievi d-dokumentazzjoni mehtiega u tkun sodisfatta li dak rikjest mill-Ligi ghat-trasferiment u konsegwenti registrar tal-vettura f'isem sid gdid ikun gie debitament osservat, tghaddi biex tohrog licenza ghall-vettura f'isem l-attur anke fl-eventwalità li l-Formola dwar it-Trasferiment tal-Vettura in kwistjoni tigi ffirmata minn Kuratur Deputat nominat mill-Qorti sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni minn fuq isem is-socjetà konvenuta ghal fuq isem l-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u filwaqt li tiddikjara li in verità l-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 registrata f'isem is-socjetà Health Managers (Malta) Limited hija di proprjetà ta' l-attur, in kwantu *inter alia* hallas il-prezz ta' l-akkwist ta' l-imsemmija vettura:

1. Tikkundanna lis-socjetà Health Managers (Malta) Limited sabiex nhar il-Hamis 14 ta' Frar 2013 tidher fil-Land Transport Directorate f'Hall B fit-8:30a.m. ghall-fini li timla kif suppost, tiffirma u tghaddi lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi li tinsab mac-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni

BBQ-715 sabiex l-imsemmija vettura tigi formalment trasferita, registrata u licenzjata f'isem l-attur;
2. Tinnomina lill-Avukat Dottor Daniela Mangion bhala Kuratur Deputat sabieex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan it-trasferiment; u
3. Tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex malli tigi moghtija l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi relattiva ghall-vettura ta' l-ghamla Toyota TownAce bin-Numru ta' Registrazzjoni BBQ-715 debitament iffirmata, tohrog licenza ghall-vettura imsemmija f'isem l-attur, u dana anke fl-evenwalità li l-istess Formola tkun iffirmata mill-Kuratur Deputat nominat, l-Avukat Dottor Daniela Mangion, li tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq dan it-trasferiment.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk pertinenti ghall-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------